# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM 12 ta' Dicembru, 2000.**

**Kawza Nru. 52.**
**Citazz. Nru. 1026/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Mario u Grace mizzewgin MUSCAT u Grace Muscat bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni tal-24 ta' Mejju, 2000, li bih il-Bank attur ippremetta:

Illi bit-termini u l-kundizzjoni imsemmija f'erba' kuntratti, tnejn minnhom in atti Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel datati 9 ta' Ottubru 1992 (Dok "A") u 28 ta' Ottubru 1993 (Dok "B"), u t-tnejn l-ohra in atti Nutar Dottor Antoine Agius datati 17 ta' Frar 1995 (Dok "C") u 2 ta' Ottubru 1998 (Dok "D") is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lill-konvent Mario Muscat;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta' tmenin elf, sitt mija u disgha u sittin liri maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm80.669.56) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tal-konvenut Mario Muscat mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "E1 sa E68", Dok "F1 sa F10", Dok "G1 sa G2" u Dok "H1 sa H2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi b'zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Antoine Agius datati 17 ta' Frar 1995 (Dok "C") u 2 ta' Ottubru 1998 (Dok "D"), il-konvenuta Grace Muscat bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Mario Muscat ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Mario Muscat mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 25 ta' Jannar 2000 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "I" u Dok "J", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Mario u Grace mizzewgin Muscat u lil Grace Muscat bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha, jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmenin elf, sitt mija u disgha u sittin liri maltin u sitta u hamsin centezmu

(LM80,669.56) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tal-konvenut Mario Muscat mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "E1 sa E68", Dok "F1 sa F10", Dok "G1 sa G2", u Dok "H1 sa H2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 25 ta' Jannar 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xaiehda tal-Bank attur, flimkien mal-ghaxar dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti tat-3 t'Awissu, 2000 li bih il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghad-9 t'Ottubru, 2000;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-1 ta' Settembru, 2000, li fiha tghid li ghandha tigi mehlusa milli toqghod fil-kawza minhabba li ma kenitx taf bid-djun li kien qieghed jaghmel zewgha, il-konvenut l- iehor;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa tal konvenuta u l-lista tax-xiehda taghha;

Rat li l-konvenut Mario Muscat, ghalkemm gie notifikat bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh naqas li jikkontesta t-talbiet tal-Bank attur u li jressaq Nota tal-Eccezzjonijiet, u b'hekk waqa' kontumaci, ghalkemm deher fil-kawza, mghejjun minn Avukat tal-fiducja tieghu, meta l-kawza giet imsejha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda tal-Bank attur bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Rat id-Degriet taghha tal-31 t'Ottubru, 2000, li bih halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum;

***Ikkunsidrat:***

Illi qabel xejn, din il-Qorti trid tqis l-eccezzjoni ewlenija tal-konvenuta li qeghda titlob li tinheles milli toqghod fil-kawza. Il-konvenuta tinsab imharrka f'din il-kawza kemm bhala mart il-konvenut zewgha u flimkien mieghu, u kif ukoll bhala dik il-persuna li ghandha t-tmexxija tal-gid partikolari taghha. Ir-raguni li hija taghti biex isseddaq din l-eccezzjoni taghha hi n-nuqqas ta' gharfien tad-djun li kien qieghed jaghmel zewgha;

Normalment, persuna mharrka ghandha l-jedd li titlob li tinheles milli tibqa' f'kawza jew meta ma jkollhiex interess fil-kwestjoni jew minhabba inkapacita' li toqghod f'kawza skond ma jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kap 12;

Illi l-konvenuta mhix wahda mill-persuni msemmija fl-artikolu 781 tal-Kap 12, u m'hemm l-ebda dubju li, dwar il-gid li huwa partikolari jew li m'hux fil-komunjoni tal-akkwisti, hija ghandha t-tmexxija wahdanija tieghu, kemm bhala fatt u kif ukoll bis-sahha tal-ligi [art. 1334(2) tal-Kodici Civili];

Illi ghal dak li jirrigwarda l-interess, ma jistax jinghad li l-konvenuta mhix milquta bl-effetti tat-talbiet attrici. L-interess taghha f'din il-kawza - kemm minhabba l-kwalita' li giet imharrka fiha u kif ukoll minhabba rrabtiet kuntrattwali li hija ghandha mal-Bank attur - huwa guridiku, daqskemm attwali;

Illi fil-kaz presenti, il-konvenuta kienet ftit izjed minn hlejqa passiva ta' dak li kien qieghed jaghmel zewgha. Kemm hu hekk, l-atti tal-kawza juru [ara Dokument "C"

f'pagni 17 sa 21 tal-process u Dokument "D" f'pagni 22 sa 27] li l-konvenuta dahlet sahansitra garanti solidli ma' zewgha fil-kuntratti li bihom giet imsahha l-facilita' bankarja li tifforma l-mertu tal-kawza presenti, b'ipoteka generali ta' gidha kollu u b'ipoteka specjali fuq beni partikolari msemmi fl-att sal-ammont ta' Lm50,000;

Illi, fid-dawl tal-premess, wiehed irid jara ghalhekk x'validita' ghandha s-sottomissjoni tal-konvenuta fis-sens li ma kinitx taf bid-djun li kien qieghed jidhol ghalihom zewgha, u jekk dan l-istat iwassalx biex hija tigi mehlusa milli toqghod f'kawza fejn qieghed jintalab proprju l-hlas lura ta' dawk id-djun. Id-difensur tal-konvenuta argumenta b'hila kbira li l-klijenta tieghu ma tista' qatt tkun il-persuna li lejha l-Bank attur jista' jdur biex jithallas il-kreditu estiz lil zewgha, u dan ghaliex dawk id- djun issawru waqt in-negozju tal-istess konvenut. Huwa xehet dubju wkoll dwar il-validita' tal-garanzija li hija tat favur l-obbligazzjonijiet ta' zewgha mal-Bank attur;

Illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' tali sottomissjoni Fl-ewwel lok, ghaliex id-dejn f'dan il-kaz partikolari jghabbi lill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-konvenuti. Fit-tieni lok, minhabba li ukoll kieku, ghall-grazzja tal-argument, id-dejn tal-konvenut ma kinux djun li tbatihom il-komunjoni tal-akkwisti, l-konvenuta ma ghandhiex jedd topponi ghal att li jinforza kreditu kontra xi gid ta' zewgha jew tal-komunjoni, ghajr meta l-gid li fuqu tkun qeghda ssir l-esekuzzjoni jkun gid parafernali taghha [art. 1329(2) tal-Kodici Civili]. Kif intwera diga', il-gid partikolari tal-konvenuta diga' qieghed jaghmel tajjeb direttament ghall-obbligazzjoni ewlenija li biha ntrabat il-konvenut zewgha;

Illi, ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-provi dokumentali li jaghmlu parti mill-process igibu fix-xejn l-istqarrija taghha li ma kinitx taf bid-djun ta' zewgha. Fuq kollox, il-Qorti ma thossx li l-konvenuta ikkonvincietha li s-sehem taghha biex

dahlet garanti tal-konvenut kien akkumpanjat minn xi cirkostanza li tista' twassal ghall-annullament tal-garanzija;

Ghal dak li jirrigwarda l-ammont mitlub mill-Bank attur, il-konvenuta ma ressqet l-ebda kontestazzjoni, u l-Qorti gharblet il-prospetti mehmuza mad-Dikjarazzjoni tal-istess Bank biex taccerta li l-ammonti mitluba ma jinkludux imghaxijiet m'hux dovuti. Il-Qorti, semghet ukoll id-dikjarazzjoni tar-rappresentant tal-Bank attur li l-konvenuti ma hallsu xejn mill-ammont mitlub matul is-smiegh tal-kawza;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta** u tiddikjara li hija kienet imharrka sewwa u kellha toqghod fil-kawza flimkien ma' zewgha l-konvenut Mario Muscat;

2. Konsegwentement, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni dwar it-talba fil-mertu u fuq il-provi dokumentali mressqa, **tilqa' t-talba attrici** u tiddikjara lill-konvenuti solidalment debituri tal-Bank attur fis-somma ta' tmenin elf, sitt mija u disgha u sittin liri maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm80,669.56) flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmi ammont mill-1 t'April, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv;

3. **Tikkundanna lill-konvenuti solidalment** ihallsu l-ammont mitlub u l-imghaxijiet kif imsemmi; u

4. **Tikkundanna lill-istess konvenuti** jhallsu ukoll l-ispejjez tal-kawza u tal-atti gudizzjarji li pprecedewha u dawk imressqin kontestwalment maghha.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2000.**